**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 303/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Lean Pace**

**Illum 30 ta' Lulju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Lean Pace**, iben Andrè u Marthese neè Zammit, imwieled il-Pietà fid-29 ta' Ġunju 1996, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 321296(M), talli fil-lejl ta' bejn is-6 ta' Ġunju 2022 u s-7 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 10:00p.m. u 06:00a.m., ġewwa Santa Luċija:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maya Nicole Vella f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq persuntha, hekk kif iċċertifikaw Dr. Francesca Gauci, Med. Reg. No. 6356 u Dr. Matt Max Formosa, Med. Reg. No. 4264;

2. Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lis-sieħba tiegħu, cioè Maya Nicole Vella u binha Zian Azzopardi, kontra l-volontà tagħhom;

3. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500) għad-dannu ta' Maya Nicole Vella;

4. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Maya Nicole Vella jew lill-ħaddieħor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Maya Nicole Vella jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni permezz ta' liema titlob li l-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-proċeduri, kontra Lean Pace a benefiċċju ta' Maya Nicole

Vella u l-familjari tagħha u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' Maya Nicole Vella jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Lean Pace billi tapplika l-Artikoli 382A *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Lean Pace b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; (iii) f'każ ta' ħtija, tikkundanna lil Lean Pace għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "EM1" sa' Dok. "EM5" a fol. 6 sa' 14 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' Lean Pace a benefiċċju ta' Maya Nicole Vella permezz ta' Digriet datat 16 ta' Ġunju 2022[2];

Semgħet ix-xhieda ta' Maya Nicole Vella mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Ġunju 2022[3] u tas-17 ta' Ottubru 2023[4] u rat id-dokumenti markati Dok. "EH6" - Esebit Nru. KA 189/2022[5] - u Dok. "EH7" a fol. 28 sa' 32 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduti tas-16 ta' Ġunju 2022[6] u ta' l-4 ta' Mejju 2023[7] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "EHX" a fol. 141 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. Matthew Formosa[8], ta' Dr. Francesca Gauci[9] u ta' Marthese Pace[10] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 u ix-xhieda ta' Andrè Pace mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Lulju 2022[11] u ta' l-4 ta' Marzu 2024[12], semgħet ix-xhiedata' Rosalie Vella[13] u ta' l-Uffiċjal tal-Probation Nolene Cassar[14] mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022 u rat is-Social Inquiry Report dwar l-imputat ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Nolene Cassar markat Dok. "NC" a fol. 66 sa' 99 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022[15] u rat ir-Relazzjoni tiegħu markata Dok. "MS" a fol. 106 sa' 116 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC945

[1] Fol. 5 tal-proċess.

[2] Fol. 35 tal-proċess.

[3] Fol. 27A sa' 27G tal-proċess.

[4] Fol. 148 sa' 158 tal-proċess.

[5] Fol. 33A tal-proċess.

[6] Fol. 33B sa' 33E tal-proċess.

[7] Fol. 140 tal-proċess.

[8] Fol. 54 u 55 tal-proċess.

[9] Fol. 56 u 57 tal-proċess.

[10] Fol. 59 tal-proċess.

[11] Fol. 59 tal-proċess.

[12] Fol. 172 sa' 180 tal-proċess.

[13] Fol. 61 sa' 63 tal-proċess.

[14] Fol. 64 u 65 tal-proċess.

[15] Fol. 104 u 105 tal-proċess.

Roberto Cilia mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2023[16] u semgħet ix-xhieda ta' Nathan Azzopardi mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023[17];

Rat li waqt is-seduta tat-18 ta' Jannar 2023[18], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li b'referenza għax-xhieda indikati mill-Avukat Ġenerali fir-Rinviju datat 12 ta' Jannar 2023[19], minkejja li għamlet kuntatt ma' Maya Nicole Vella sabet diffikultà sabiex jiġu identifikati tali xhieda;

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 2 ta' Ġunju 2023[20], permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 202(h), 214, 215, 216, 218 u 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tat-12 ta' Ġunju 2023[21], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli fil-lejl ta' bejn is-6 ta' Ġunju 2022 u s-7 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 10:00p.m. u 06:00a.m., ġewwa Santa Luċija: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maya Nicole Vella f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq persuntha, hekk kif iċċertifikaw Dr. Francesca Gauci, Med. Reg. No. 6356 u Dr. Matt Max Formosa, Med. Reg. No. 4264; (2) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lis-sieħba tiegħu, cioè Maya Nicole Vella u binha Zian Azzopardi, kontra l-volontà tagħhom; (3) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €2,500 għad-dannu ta' Maya Nicole Vella; (4) Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Maya Nicole Vella jew lill-ħaddieħor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (5) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Maya

---

[16] Fol. 135 tal-proċess. Din ix-xhieda kienet tirrigwarda l-Mandat ta' Akkumpanjament maħruġ fil-konfront tax-xhud Nathan Azzoaprdi.

[17] Fol. 136A sa' 136G tal-proċess.

[18] Fol. 126 tal-proċess.

[19] Fol. 125 tal-proċess.

[20] Fol. 143 u 144 tal-proċess.

[21] Fol. 145 tal-proċess.

Nicole Vella jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 2 ta' Ġunju 2023[22], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 202(h), 214, 215, 216, 218 u 222(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86, 87(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi:**

**Maya Nicole Vella**[23], l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri u parte civile, xehdet illi *nhar it-Tnejn li għadda* (hija kienet qed tixhed fis-16 ta' Ġunju 2022 u fil-kors tax-xhieda tagħha qalet li d-data ta' l-akkadut kienet is-6 ta' Ġunju 2022) *nżilt il-bandli bħalma ninżel is-soltu bit-tifel, ninżel hemmhekk għaliex ikun hemm sħabi eċċ u f'ħin minnhom għaddejt ġo każin biex nixtri it-tifel x'jixrob eċċ u kont qiegħda ma' waħda minn sħabi. Rani Lean hemmhekk u staqsieni x'qed nagħmel. Kif inżilt lejn il-bandli erġajt sibt lil Lean hemmhekk. Qabad ġej ħafna diskors fil-vojt li ma kellux għalfejn jintqal, ma kienx qiegħed f'posizzjoni li qabel qatt ma rajtu, f'xahar qatt ma kien f'dak l-istat, nemmen li ħa xi ħaġa li ma kellux għalfejn jeħodha, issa hi x'inhi, jien ma' l-Ispettur Hayman semmejt il-cocaine għaliex f'ħin minnhom smajt lil Lean isemmi lilha, qabad ġej id-diskors fil-vojt u daqqtejn ġo ħalqi f'ħin minnhom qalli li bilfors irrid nitla' d-dar miegħu, tlajt hemmhekk u ssakkart fil-kamra. … Jien nżilt il-bandli f'xi s-6:30p.m. jew is-7:00p.m. għax dejjem dak il-ħin ninżel u għamilt il-bandli sa' xi l-11:30p.m. jew nofsilejl żgur. Imbagħad bqajna nillitekaw u hekk u minn ta' l-inqas għamilna sa' xi it-3:30a.m. jew l-04:00a.m. il-bandli żgur bit-tifel ġol-pushchair, imbagħad fl-04:00a.m. tlajt għandu. … Apparti li konna jien u Lean il-bandli għal dak il-ħin twil, kien hemm żewġ nisa oħra. Dawn ikunu dejjem hemmhekk, as in għandhom l-età tagħhom, mhumiex tfajliet żgħar u waħda minnhom telqet u l-oħra baqgħet hemmhekk magħna. F'ħin minnhom kif jien kont se nitla' d-dar beda jistaqsini jekk ħadtlux xi affarijiet minn tiegħu mentri jien ma ħadtlu xejn u qabad jiġi d-diżgwid minn hemmhekk. Kif imbagħad fl-04:00a.m. bdejna nimxu lejn id-dar ta' Lean, ingħalaqt fil-kamra. Sakkar biċ-ċavetta u jien iċ-ċavetta ma stajtx neħodha.*

Hija stqarret li waslet id-dar ta' l-imputat għall-ħabta ta' l-4:30a.m./l-5:00a.m. u li *kif dħalna ġol-kamra bdejt naqla' d-daqqiet u jsawwanti eċċ. … Daqqiet ta' ponn u daqqiet biċ-ċatt ġo wiċċi. Kelli marka ukoll li issa m'għadhiex tidher li kienet qiegħda m'għonqi.* Mistoqsija x'għamlet meta bdiet taqla' d-daqqiet, Maya Nicole Vella wieġbet *ma stajt nagħmel xejn fil-verità, dan huwa raġel u inti qatt mhu se tlaħħaq ma' raġel. Jiena bdejt ngħajjat biex forsi tismagħni ommu u iktar ma bdejt ngħajjat iktar beda jgħidli "Ieqaf għax se nkompli nagħtik". F'ħin minnhom qabadli l-mobile u waddabuli mit-tieqa għal*

[22] Fol. 143 u 144 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022, fol. 27A sa' 27G tal-proċess.

*isfel għax beda jiġi paranoid għax beda jaħseb li se nċempel lill-Pulizija jew li se nagħmel xi moviment biex jiena nista' ngħajjat għall-għajnuna. B'hekk kien l-iskop tiegħi li nibda ngħajjat ħalli tiġi ommu u forsi b'xi mod il-bieb jinfetaħ.* Stqarret ukoll li l-imputat sakkarha fil-kamra tas-sodda tiegħu u ħa ċ-ċavetta u peress li ma kenitx taf fejn kienet iċ-ċavetta ma setgħetx toħroġ minn ġol-kamra. Il-mobile ta' Maya Nicole Vella ġie esebit bħala Dok. "EH6" u hija qalet li għalkemm il-mobile già kellu daqqa għax kien waqqgħu t-tifel tagħha, ma kienx imkisser bil-mod kif kien jidher dakinhar li dan il-mobile ġie esebit. Stqarret ulterjorment li l-mobile ma setgħax jixgħel u bħala valur iddikjarat li għalkemm hija kienet akkwistatu  għal €700, dakinhar li allegatament l-imputat tefgħu mit-tieqa għal isfel ma kienx jiswa' daqshekk. Hija kompliet tistqarr li *kif gara l-mobile u qbadt ngħajjat biex forsi tghajjatli ommu u biex forsi b'xi mod il-bieb jinfetaħ, qalli "jekk ħa tibqa' twerżaq issa jmiss li ngaralek it-tifel għal isfel erba' sulari"*. Mistoqsija fejn kien it-tifel tul dan il-ħin li kienet fil-kamra ta' l-imputat, Maya Nicole Vella wieġbet *rieqed ġol-kamra waqt li jiena kont imsakkra u niġi msawta* u mistoqsija kemm kellu żmien it-tifel fiż-żmien in kwistjoni, wieġbet li kellu sentejn u nofs.

Stqarret ulterjorment illi *komplejt naqla' d-daqqiet fuq wiċċi, f'ħin minnhom kienu xis-sitta neqsin għaxra jew neqsin ħamsa ommu bdiet tgħidlu "iftaħ issa, iftaħ issa" ġie missieru wara x-xogħol xis-sitta ta' filgħodu, il-bieb infetaħ, fetħu Lean u ġie missieru u wassalni lura lejn id-dar.* Fir-rigward il-ġrieħi, Maya Nicole Vella stqarret *kelli marka m'għonqi, gundalla ma' moħħi żgur, gidma fuq wiċċi u n-naħa l-oħra daqqiet ta' ponn. … xuftejja kollha maqsumin u kienu minfuħin ħafna bid-daqqa ta' ponn li tani, u kelli gidma fuq in-naħa tar-right, gidma jiġifieri gidma tas-snien biex niftehmu.* Mistoqsija min għamlilha dawn il-ġrieħi, hija stqarret li kien l-imputat u żiedet tgħid li *apparti minn hekk, fuq widnejja kelli xi tbenġil għax it-tambur kien mifqugħ* - u l-ġrieħi in kwistjoni jidhru fuq ir-ritratti esebiti bħala Dok. 1 sa' Dok. 5 a fol. 28 sa' 32 tal-proċess. Għalkemm fir-ritratti esebiti jidher li l-kappell ta' l-għajn tal-lemin kien maqsum u jirriżulta li eventwalment kellhom isiru xi punti, Maya Nicole Vella stqarret illi ma kienx l-imputat illi taha daqqa f'għajnha tal-lemin. Stqarret ukoll li kien minħabba din il-ġerħa partikolari li l-Pulizija wassluha l-Polyclinic tal-Furjana u eventwalment l-Isptar Mater Dei sabiex tiġi invistata għall-possibilita ta' ksur. Hija għarfet iċ-ċertifikati maħruġa fir-rigward tal-ġrieħi li kellha, liema ċertifikati jinsabu esebiti bħala Dok. "EH4" u Dok. "EH5" a fol. 13 u 14 tal-proċess.

In kontro-eżami[24], Maya Nicole Vella stqarret li meta kienet fil-kamra ta' l-imputat binha kien rieqed fuq is-sodda ta' l-imputat tul l-allegat inċident kollu u mistoqsija dwar iċ-ċavetta tal-bieb tal-kamra li skontha ħbieha l-imputat wara li sakkara ġewwa, hija iddikjarat *dak il-ħin kont frustrata kelli t-tifel ta' 3 snin hemm hekk miegħi, ma naħsibx li ħa noqgħod nagħti kas jien fejn ħa jitfa' ċ-ċavetta.* Stqarret ukoll li meta telqet mill-bandli flimkien ma' l-imputat hija l-ewwel għaddiet minn fejn id-dar fejn toqgħod iżda skontha l-imputat ma ħallihiex tmur id-dar tagħha. Stqarret ukoll illi l-imputat sawwatha fit-triq quddiem id-dar tagħha, fejn hija wkoll bdiet tgħajjat, u li kien għalhekk illi baqgħet sejra miegħu d-dar tiegħu. Tul dan il-ħin binha kien rieqed fil-pushchair. Ikkonfrontata bil-fatt li dan il-fatt ma kenitx semmietu fix-xhieda in eżami, Maya Nicole Vella stqarret *dakinhar ma semmejthiex le, għax ma kienux l-istess daqqiet. Ġot-triq forsi tnejn, fil-kamra imbagħad l-iktar li ntqal.* F'dan l-istadju wkoll stqarret li l-bandli kienet ma' ħabiba tagħha jisimha Amanda, li però telqet bil-mixi mill-bandli qabilhom, u stqarret ukoll li meta kienu l-bandli l-imputat ma sawwathiex. Mistoqsija min kien hemm id-dar ta' l-imputat dak il-ħin li marret hi, hija wieġbet li kien hemm omm u oħt l-imputat reqdin fil-kmamar tagħhom u mistoqsija kif taf dan qalet *għax meta imbaghad bdejt inwerżaq u*

---

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2023, fol. 148 sa' 158 tal-proċess.

*ngħajjat fetħet ommu, bdiet tħabbat il-bieb u wara ċertu ħin Lean fetaħ il-bieb. … imbaghad xis-6 ta' filgħodu ġie missieru, intqal naqra paroli u ġlied u tlaqt il-barra. Wassalni hu proprja. Missier Lean.* Stqarret illi fil-kamra ma' Lean damet madwar tlett kwarti, siegħa u qalet li ma kienetx qed tgħajjat il-ħin kollu. Stqarret illi *mhux ħa toqgħod twerżaq u tgħajjat il-ħin kollu imma kull daqqa li ħa taqla mhux ħa toqgħod kwieta u ma tgħid xejn.* Fir-rigward tat-tifel stqarret illi *mbagħad qam ħin minnhom bl-għajjat. … wara ċertu ħin għax hu miskin mhux li jqum ta' wieħed malajr.* Vella stqarret li meta marret id-dar tagħha *intfajt fuq is-sodda għax ovvjament kont bi ngħas mejta u kont għajjiena u ridt inqum filgħodu, kif dħalt filgħodu,* u dana kien għall-ħabta tas-6:30a.m./ 7:00a.m., *biex immur fil-kamra tal-banju nara d-daqqiet ma' wiċċi. Imma ma ġismi ma kellix daqqiet.* Stqarret li in verità ftit li xejn raqdet għaliex imbagħad ġie missier it-tifel, ossia Nathan Azzopardi, iddikjara li kif qamet *sakkart il-bieb tal-kamra tiegħi għax ma ridtx lill-ommi tarani f'dak l-istat kif kont, għaddejt minn ġol-gallarija fil-kamra ta' ħija għax għandu gallarija li tinfed għat-tieqa tiegħi, qaltli taf li hawn missier it-tifel. Ovvjament kif ftaħt il-bieb, rani bid-daqqiet ma' wiċċi, qalli x'għandek, qalli inżel tini t-tifel, rani fl-istat li qiegħdha, għidltlu x'ġarali, tagħni daqqa ta' ponn fejn kelli l-punti, il-punti għamilhomli missier it-tifel u mhux Lean kif għidt fl-istess li ġara u niżżilni d-Depot.* In ri-eżami stqarret illi *għax Nathan, kif dħalt fil-karozza, li jiġi missier it-tifel, tagħni daqqa waħda, daqqa ta' ponn u mmarkatli hawnhekk u jien l-ewwel rajt id-demm nieżel u ħsibt li ma għandi xejn imma imbagħad kelli fetħa u bqajt nieżla l-Furjana d-Depot u ħaduni l-Pulizija l-Furjana stess il-clinic u għamluli l-punti.*

L-**Ispettur Eman Hayman**[25] xehed illi *fid-data tas-7 ta' Ġunju kont qiegħed xogħol id-Domestic Violence Unit. Kont ġejt infurmat mill-SB li hija r-reception area biex niftehmu, li kien daħal vann u li ġo dan il-vann kien hemm raġel irrabjat u passiġġiera li kienet imnikkta u nkwetata u dik il-persuna kienet Maya li qed nagħraf fl-Awla. Il-persuna l-oħra, ix-xufier kien ċertu Nathan Azzopardi li m'għandux x'jaqsam mal-każ, kien hemm argument u dak il-każ ġie investigat u di vista rajna daqqa fuq għajnejn Maya u l-quddiem saru xi punti. Dik id-daqqa qed tiġi investigata f'każ ieħor li m'għandux x'jaqsam l-imputat Lean Pace li qed nagħraf hawnhekk. Ittieħdet verżjoni kompluta ta' dak li ġara f'dak il-lejl. Irriżulta li l-imsemmija Maya kienet għamlet ħin twil ġewwa l-bandi Santa Luċija ma' Lean Pace. Ġejna infurmati li Lean Pace kien kontinwament irrabjat u beda jagħtiha xi daqqiet, u dan dejjem kif kienet qed tgħidilna l-imsemmija Maya. Ovvjament meta kienet qed tirrakkonta d-daqqiet, aħna bdejna naraw, sa' fejn huwa permissibbli, id-daqqiet li hija bdiet tallega. Tista' tgħid li għamlu lejl sħiħ il-bandli u minn hemmhekk marru fl-appartament ta' Lean u jidher li hemmhekk il-vjolenza skalat, jiġifieri x'ħin kienu behind closed doors, il-vjolenza skalat tant li hija rrakkuntat li id-daqqiet bdew jiġu iktar frekwenti kif ukoll kif stajna naraw quddiem għajnejna w iktar minn hekk, minn dak indikat, Lean jipprova kontinwament isikket biex tieqaf milli tgħajjat u titkellem l-imsemmija Maya li qaltilna li kellha t-tifel magħha. Iktar 'l quddiem gara l-mobile phone barra mit-tieqa, heddidha li jgaralha t-tifel u iktar minn hekk konna ġejna infurmati li kien hemm il-kamra fejn kienu magħluqa, tant kemm kienet magħluqa li ommu u missieru, li kien wasal mix-xogħol, bdew jgħidulu biex jiftaħ sakemm missier Lean stess daħal ġol-kamra u kien fired lil Lean minn ma' Maya. Minn hemmhekk Maya telqet minn dak il-fond. Meta qed ngħid il-fond ta' Lean, huwa dak indikat fil-PIRS. Id-dar ta' Maya hija Block H, Flat 15, Triq il-Lellux, Santa Luċija. Maya telqet minn dak il-post, marret id-dar ta' ommha imbagħad kien hemm l-inċident l-ieħor li mhux ħa nidħol fir-rigward tiegħu, imbagħad hemmhekk terġa' tibda l-istorja mill-bidu tax-xhieda tiegħi.*

---

[25] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2022, fol. 33B sa' 33E tal-proċess.

L-Ispettur Hayman għaraf ir-rapport li sar mal-Pulizija dwar dan il-każ, esebit bħala Dok. "EH3" a fol. 8 sa' 12 tal-proċess. In kontro-eżami huwa kkonferma li apparte l-allegat inċident ma' l-imputat, Maya Nicole Vella kellha inċident ma' l-ex-partner tagħha, konsegwenza ta' liema inċident hija sofriet xi ġrieħi. Dwar kif il-Pulizija firdu l-ġrieħi skond l-allegati żewġ każijiet, l-Ispettur Hayman stqarr li huwa mhux biss kellem lil Maya Nicole Vella iżda wkoll *għamilna cross reference għax tkellimna ma' l-omm*, ossia ma' omm Maya Nicole Vella. Meta għamlu hekk raw li *kien hemm xi ġrieħi minus xi daqqiet, investigajna wkoll u b'hekk fridna l-ġrieħi.* L-Ispettur żied jgħid ukoll li l-allegat inċident ma' Lean Pace spiċċa għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu u t-tieni allegat inċident ma' l-ex-partner ta' Maya Nicole Vella ġara għall-ħabta tat-tmienja u għoxrin jew id-disgħa neqsin għoxrin.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2023[26], l-Ispettur Hayman stqarr illi meta Maya Nicole Vella kienet marret id-Domestic Violence Unit u kienet qed tagħmel ir-rapport tagħha, huwa ta' istruzzjonijiet sabiex jittieħdu ritratti tal-ġrieħi li kellha. Huwa kien preżenti waqt li ttieħdu r-ritratti u l-Pulizija li ħadithom kienet għaddithomlu u in segwitu dawn ġew esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri.

Il-verżjoni ta' Maya Nicole Vella kif mogħtija minnha għall-fini tar-rapport mal-Pulizija, fejn stqarret *inter alia* li ġiet imsawta minn Lean Pace, imputat f'dawn il-proċeduri, hija s-segwenti: *il-bieraħ 06.06.2022 għall-ħabta ta' 22:00hrs hi kienet ma' Lean ġewwa l-bandli ta' Santa Luċija. Waqt li kienu hemm Maya innotat li Lean kien jidher high bil-Cocaine għaliex kien aggressiv il-ħin kollu u jrid jiġġieled ma' kull min jara. Stqarret li beda jargumenta magħha minħabba li kellhom imorru ġo hotel u ma marrux. Waqt li kienu l-bandli beda jtiħa ġo wiċċha biċ-ċatt u riedet titlaq iżda beżgħat minnu għax iktar beda jtiħa. Kompliet tgħid li huma baqgħu hemm matul il-lejl u nhar 07.06.2022 għall-ħabta ta' 04:00hrs telqu mill-bandli u marru d-dar ta' Lean cioè Block 7, Flat 8, Triq il-Ġnien, Santa Luċija. Żiedet tgħid li hemmhekk kompla jsawwatha iżda din id-darba beda jtiha bil-ponn ġo wiċċha u jafasha minn għonqa. Stqarret li f'ħin minnhom pruvat taħrab iżda hu sakkarha ġol-kamra u kompla jtiha. Maya stqarret li hi bdiet tgħajjat bil-ħsieb li omm Nathan tiġi ittiha l-għajjut. Il-Kwerelanta stqarret ukoll li Lean tefa' l-mobile tagħha mit-tieqa għall-barra (4 sulari) u qalilha jekk ser tkompli tgħajjat it-tifel nitfalek. Ta' min jgħid li matul dan il-lejl Maya kellha lil binha ta' sentejn magħha. Għall-ħabta ta' 06:00hrs Lean fetħilha l-bieb tal-kamra u ftit wara ġie missieru u ħariġha mill-flat. Meta Maya ġiet mistoqsija kemm damet imsakkra ġol-kamra ta' Lean hi wieġbet li għal aktar minn siegħa. Maya kompliet tgħid li wara dan kollu hi marret id-dar tagħha Blk H, Flat 15, Triq il-Lellux, Santa Luċija, u daħlet torqod.*

Fir-rigward tal-ġrieħi riskontrati fuq Maya Nicole Vella xehdu **Dr. Matthew Formosa**[27], illi invistaha fil-Polyclinic tal-Furjana, u **Dr. Francesca Gauci**[28], illi invistatha fl-Emerġenza ta' l-ENT fl-Isptar Mater Dei.

Dr. Matthew Formosa stqarr li meta huwa nvista lil Maya Nicole Vella hija qaltlu li kienet qalgħet xi daqqiet mingħand xi nies u kkonferma li l-ġrieħi riskontrati minnu huma dawk imniżżla fiċ-ċertifikat mediku Esebit bħala Dok. "EH5" a fol. 14 tal-proċess. Fl-imsemmi ċertifikat hemm indikat li Maya Nicole Vella kellha *1. 2cm laceration above and right to the right eye below the eyebrow. 2. 4x4 cm circular bruise on the right side of the forehead. 3. Bruising inner canthus right eye with tenderness on palpitation of lesion. 4.*

[26] Fol. 140 tal-proċess.

[27] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 54 u 55 tal-proċess.

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022, fol. 56 u 57 tal-proċess.

*Tenderness on palpitation of right zygotes with circular … over right cheek. 5. 8cm abrasion over nape of neck. 6. Abrasion over inner surfaces of upper and lower lips. 7. 2+ discrete 0.2cm bruising within the left side of the mouth. 8. Bleeding seen within left eardrum.* Dr. Formosa ma kklassifikax il-ġrieħi riskontrati fuq Maya Nicole Vella peress illi rreferiha l-Isptar Mater Dei ghal *further assessment as required.*

Bħala fatt Maya Nicole Vella ġiet invistata fl-Emerġenza ta' l-ENT ta' l-Isptar Mater Dei minn Dr. Francesca Gauci u rriżulta li hija kellha perforazzjoni fit-tambur ta' widintha tan-naħa tax-xellug. Sarilha wkoll CT Scan ta' l-għadam tal-wiċċ u rriżulta li ma kien hemm l-ebda ksur. Bħala ġrieħi dawn ġew klassifikati bħala ġrieħi ta' natura gravi, hekk kif hemm indikat fiċ-ċertifikat mediku maħruġ mill-istess Dr. Gauci Esebit bħala Dok. "EH4" a fol. 13 tal-proċess.

L-**Espert Mediku Dr. Mario Scerri**, nominat permezz ta' Digriet datat 18 ta' Lulju 2022[29] sabiex jeżamina lil Maya Nicole Vella u jirrelata dwara il-permanenza o meno tal-feriti subiti minnha u jekk ikun il-każ, jindika jekk hemmx persentaġġ ta' diżabilità, ippreżenta r-Relazzjoni tiegħu fis-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022 - Dok. "MS" a fol. 106 sa' 116 tal-proċess. Wara li eżamina lil Maya Nicole Vella l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri ikkonkluda s-segwenti: *1. Illi Maya Vella allegat ma' l-esponent illi f'Ġunju 2022 waqt li kienet f'Santa Luċija mal-ħbieb l-imputat Lean Pace aggrediha u taha xi daqqiet fuq wiċċha; 2. Illi din allegat li ġarbet xi dbenġil u gundalla; 3. Illi l-għada l-ex-partner tagħha Nathan Azzopardi allegatament mar id-dar tagħha biex jiġbor it-tifel u taha daqqiet ta' ponn fuq wiċċha u fuq rasha; 4. Illi riżultat ta' dan din allegat li ġarrbet leżjoni li kellha tiġi suturata. 5. Illi l-leżjoni deskritta taħt is-supraorbital ridge tal-lemin kienet ċikkatriċi riżultat laċerazzjoni riżultat ta' blunt trauma. 6. Illi din iċ-ċikkatriċi tidher iżda mhux daqshekk konspikwa from within talking distance. 7. Illi perforazzjoni tat-tambur hija klassifikata bħala leżjoni ta' natura gravi per durata u riżultat ta' blunt trauma fuq il-widna.*

Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti waqt is-seduta ta' l-14 ta' Settembru 2022[30], l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri stqarr li għalih Maya Nicole Vella *bdiet tħawwad għaliex l-ewwel qalet mod imbagħad biddlet il-verżjoni. Jiġifieri mbagħad f'daqqa waħda, l-għada daħal fix-xena Nathan Azzopardi li qalet li taha xebgħa wkoll. Nathan Azzopardi huwa allegatament missier it-tifel li għandha. Issa mbagħad marret l-ENT għaliex ma kinitx qed tisma' sew u sabulha perforation tat-tympanic membrane jiġifieri tat-tambur. Issa jekk il-perforazzjoni saritx mill-allegat tax-xebgħa li qalgħet mingħand l-ewwel wieħed li huwa l-imputat jew jekk humiex daqqiet li qalgħet mingħand it-tieni wieħed, lanqas hi ma taf tispjega għax it-tnejn allegatament tawha daqqiet fuq rasha. Insomma, biex nikkonkludi, din vera ċċekkjajt illi kellha perforation fit-tympanic membrane, perforation tista' ddum biex tfiq u tista' le u meta ġiet għandi kienet fiqitilha, grievous per durata u ċ-ċikkatriċi tidher però mhijiex daqshekk konspikwa from within talking distance. Jiġifieri riżultat ta' blunt trauma, issa liema daqqa, mingħand min, bdiet tħawwad.*

**Rosalie Vella**[31], omm Maya Nicole Vella, xehdet illi hija ma tantx rat fir-rigward ta' l-allegati inċidenti li kienet involuta fihom bintha. Li ġara kien li hija rċeviet telefonata mill-Pulizija fir-rigward ta' bintha u li ttieħdet il-Polyclinic għaliex qalgħet xebgħa u stqarret *dak il-ħin ovvjament ippanikjajt u għidtilha "xebgħa, mingħand min?" għax jiena ma*

[29] Fol. 52 tal-proċess.

[30] Fol. 104 u 105 tal-proċess.

[31] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022, fol. 61 sa' 63 tal-proċess.

*kontx naf x'inhu jiġri, kienet il-ġurnata off tiegħi u kont qiegħda d-dar u x'ħin inżilt id-depot, għax ma kontx naf peress li n-number kien unknown, dak il-ħin ippanikjajt u lanqas għidtilha fejn qegħdin u affarijiet bħal dawn, x'ħin inżilt id-depot it-tifla kienet għahda ma ġietx u ovvjament x'ħin rajtha, wiċċha bil-gdim u bil-punti m'għajnejha, ridt inkun naf x'inhu jiġri u mingħand min qalgħet ix-xebgħa. X'ħin dħalt fejn l-Ispettur bdejt insir naf l-affarijiet li kienet qiegħda l-bandli u qalgħet xebgħa mingħand dan li lanqas kont naf li kienet qed tiltaqa' miegħu ovvjament jien u mingħand il-ex-partner tagħha. Dak kien bażikament li naf. Imbagħad morna l-isptar, iċċekkjawha w affarijiet minn dawn u s'hemm nista' ngħid.* Mistoqsija meta kienet l-aħħar li rat lil bintha qabel it-telefonata tal-Pulizija, Rosalie Vella wieġbet *filgħaxija għax imbagħad ovvjament jien norqod u jiġifieri imbagħad filgħodu rajtha ovvjament u naf li kienet id-dar imma jien għalija kienet sejra għax-xogħol għax ġieli kienet tkun xogħol meta tkun festa u s'hemm naf għax imbagħad ċempituli intom,* ossia l-Pulizija. Xehdet ulterjorment li dakinhar kien mar id-dar tagħha Nathan, l-ex-partner ta' bintha u fir-rigward qalet *ġie Nathan, ħabbat il-bieb, ovvjament ħabbat il-bieb għax jien kont għadni rieqda għaliex kienet il-ġurnata off tiegħi u nqum fis-06:00a.m. kuljum u għidt ħa nibqa' rieqda, beda jħabbat u jagħti mal-bieb u għidt "x'ġara?". Qomt ippanikjata u għidtlu "x'ġara?" u qalli "Maya mhux qed tirrispondi l-mobile". Ħabbattilha mal-kamra u kienet magħluqa, iċċekkjajt mit-tieqa u għidtilha "hawn Nathan". Bażikament jien lil Nathan ma nkellmux fuq l-affarijiet li ġraw u erġajt dħalt fil-kamra. S'hemmhekk naf jien imbagħad ċempiltuli intom.*

Rosalie Vella ddikjarat ukoll illi *lil Lean nafu għaliex ġrat l-istorja, naf min hu għax ovvjament minn Santa Luċija, naf lil ommu u naf lil missieru u kemm-il darba kellimt lil ommu, imma jiġifieri lanqas kont naf li qed tiltaqa' miegħu jien. Issa bħala omm, ifhimni ma kien ikolli oġġezzjoni ta' xejn sakemm ma kontx naf x'jagħmel u x'ma jagħmilx dak it-tifel għax ovvjament jien bdejt nieħu pjaċir naraha qed toħroġ ftit minn wara r-relazzjoni li kellha ma' Nathan, dejjem tissawwat u dejjem id-dar maqfula u għidt din qed terġa' tibda ħajjitha din it-tifla u għallinqas qed tmur naqra l-bandli bit-tifel. Imma sabet wieħed agħar milli kellha. S'hemmhekk ma kontx nafhom dawk l-affarijiet. Ovvjament ma nista' ngħidilha xejn għaliex xbajt ngħidilha biex tieqaf minn ma' Nathan għaliex mhuwiex il-persuna addatat għaliha għax xebgħet tissawwat mingħandu u waqqgħet il-każi kollha imma din għandha 20 sena, jiġifieri jew nitfagħha l-barra jew naċċettaha kif inhi.*

L-**Ufficjal tal-Probation Noelene Cassar**[32], inkarigata biex tħejji Social Inquiry Report fir-rigward ta' l-imputat, *l*iema rapport ġie esebit u mmarkat bħala Dok. "NC" a fol. 66 sa' 99 tal-proċess, xehdet illi *matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport ħarġu bosta aspetti li kienu problematiċi, jidher li Lean kellu trobbija piuttost diffiċili fejn anke kien hemm xi perijodi ta' homeslessness u jidher ukoll li Lean ġie affettwat ukoll mill-istil ta' ħajja li kellu l-missier, fejn kien hemm perijodi twal li kien mingħajr impjieg u kif ukoll kellu l-vizzju tal-logħob. Aspett ieħor li ġie identifikat kien il-vizzju tad-droga fejn fil-passat huwa kien għamel użu minn diversi sustanzi, fosthom li semmieli kienu d-droga sintetika, il-kokaina u l-ectasy, filwaqt li fil-preżent jgħid li jagħmel użu biss mill-kannabis. Però jien min-naħa tiegħi ma stajtx nivverifika din l-informazzjoni u d-dipartiment huwa attenda darba biss fis-7 ta' Lulju, fejn meta jiena tlabtu sabiex jissottometti kampjun ta' l-awrina, dan naqas milli jħalli. Barra minnhekk, aspett problematiku ieħor li ġie identifikat kien is-saħħa mentali ta' l-imputat fejn hemm nuqqas ta' konsistenza fit-trattament fejn infatti matul il-kumpilazzjoni, daħal u ħareġ minn Mt. Carmel għal aktar minn 5 darbiet f'dan ix-xahar. Barra minn hekk daħal darbtejn is-shelter tal-Caritas, darba fit-8 ta' Lulju fejn jien għandi informazzjoni li ħareġ dakinhar*

[32] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022, fol. 64 u 65 tal-proċess.

*stess u darba oħra ilbieraħ. Però minn informazzjoni li jiena ngħatajt minn Dr. Moses, dan ħareġ ukoll fl-istess ġurnata, jiġifieri lbieraħ stess, u reġa' mar Mt. Carmel fuq bażi volontarja però. Jidher ukoll bl-istess mod illi hemm nuqqas ta' konsistenza fejn jidħol impjieg li f'dawn l-aħħar 8 snin biddel madwar 20 impjieg differenti u għaldaqstant inħoss li dawn l-aspetti kollha li semmejt għandhom jiġu indirizzati bis-serjetà, però tajjeb li nsemmi li fl-aspett ta' support, Lean għandu support kontinwu speċjalment min-naħa ta' ommu li dejjem tkun hemmhekk għalih. Finalment waqt il-kumpilazzjoni tar-rapport, jien għamilt ukoll intervista mal-vittma, Maya Nicole Vella u mill-informazzjoni li tat lili waqt l-intervista għal li qrajt fix-xhieda kif ukoll fir-rapport li sar mal-Pulizija, kien hemm ċertu informazzjoni forsi iktar fid-dettal li min-naħa tagħha qalet li ma qalithomx waqt ix-xhieda għaliex dak il-ħin kienet fi stat li qisha trid tgħid kollox imma ħarġet xi ftit informazzjoni li ma ngħatatx. Dik issa tidher evidenti wkoll fir-rapport.*

Il-verżjoni mogħtija minn Maya Nicole Vella lill-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar, hekk kif jirriżulta mis-Social Inquiry Report Dok. "NC", hija s-segwenti: *Is-Sinjura Maya Nicole Vella tibda tirrakkonta li dakinhar li seħħ l-inċident, fis-6 ta' Ġunju 2022 għall-ħabta tas-18:00, hi flimkien mat-tifel tagħha Zian, kienu l-bandli ta' Santa Luċija, fejn tisħaq li hemmhekk flimkien ma' sħabu kien hemm ukoll Lean. Maya tgħid li hi ilha tafu żmien twil lil Lean u kemm-il darba kkomunikaw flimkien kemm wiċċ imb'wiċċ u anke b'mezzi ta' midja soċjali, madanakollu sostniet li ma kien hemm l-ebda tip ta' relazzjoni intima bejniethom. Tisħaq li dik il-ġurnata x'ħin waslet il-bandli ma kien hemm xejn differenti mis-soltu, però tgħid li ħin minnhom Lean telaq minn ħdejhom u x'ħin irritorna lura kien jidher fi stat mifxul u ġie ssusspettat li Lean seta' għamel użu minn xi sustanza illeċita. Maya tirrakkonta li Lean beda jimmaġina l-affarijiet u kif ukoll beda jipprova jaqbad argumenti ma' kull persuna li kien hemm preżenti, intant lilha beda jakkużaha li serqitlu s-sustanza tal-Kannabis. Fi kliemha madwar il-23:00 spiċċa dejjaq lil kull persuna preżenti tant li telqu minn fuq il-post. Tkompli billi tgħid li għajr hi, Zian u ħabibitha Ruth u Lean kulħadd kien telaq mill-bandli. Maya tisħaq li Ruth staqsiethom biex imorru dawra bil-karozza ħalli l-vittma tikkalma, għaliex Lean baqa' l-ħin kollu jdejjaqha u jakkużaha li ħaditlu s-sustanza tal-Kannabis. Tgħid li Lean tela' magħhom fil-karozza fejn hawnhekk lil Maya taha daqtejn bil-ħarta fuq wiċċha. Dak il-ħin Ruth bdiet twaqqfu filwaqt li Maya talbet lil ħabibitha twassalha d-dar. Tenniet li Ruth waqqfitha fejn il-bandli fejn hemmhekk Lean beda jsegwiha u b'hekk Ruth iddeċidiet sabiex tibqa' ma' Maya. Il-vittma tgħid li l-imputat huwa ġuvni possessiv intant hi bdiet tkellem lit-tifel tagħha u hu ħaseb li qiegħda titkellem ma' xi ħadd fuq il-mowbajl. Hawnhekk bħal qisu reġa' ġie fi stat mifxul u taħa daqtejn oħra. Minn hawnhekk hi ddeċidiet li titlaq lejn id-dar fejn huwa beda jimxi warjaha u saħansitra kmandaha li ma tistax tmur id-dar iżda riedha tmur id-dar tiegħu bilfors. Tgħid li kienu madwar il-5:00a.m. meta waslu d-dar tiegħu f'Santa Luċija, fejn hawn daħlu f'kamartu u huwa sakkar biċ-ċavetta. Tkompli billi qalet li f'ħin minnhom Lean fetaħ kexxun u reġa' beda jgħidilha li ħaditlu s-sustanza tal-Kannabis, fejn hi reġgħet innegat. F'dan il-mument fi kliemha huwa ħdar u beda jsawwatha u jtiha bil-ponn, bħal qisu ntilef. Sostniet li saħansitra anke taha daqqa b'rasu stess f'nofs moħħha u ġidmilha ħaddejha. Tgħid ukoll li heddidha b'ħadida fejn qalilha li jekk ħa tkompli tgħajjat kien ħa jagħtiha biha wkoll. Barra minnhekk saħqet li taha daqtejn biċ-ċatt fuq widnejha, u intant faqalha wkoll it-tambur ta' widnejha. Tisħaq ukoll li meta baqgħet tinnega li hija ħaditlu l-Kannabis, dan qabdilha il-mowbajl u waddabulha mit-tieqa għal isfel, madwar erba' sulari. Kompliet billi qalet ukoll li heddidha li kien ħa jwaddbilha lit-tifel għal isfel u heddidha wkoll li kien ħa jaħraqha, fejn qalet li saħansitra qabad lighter u deodorant. Maya tgħid li bl-għajjat li bdiet tgħajjat madwar is-06:00a.m. semgħat lil omm Lean, Marthese Pace, fejn din bdiet tipprova tikkalma s-sitwazzjoni u tgħid lil Lean sabiex jiftaħ il-bieb. Hekk kif fetaħ, ftit mumenti wara ġie missieru, Andrè Pace, mix-xogħol fejn hawn kien hemm argument*

*bejn l-imputat u missieru. Andrè keċċa lil Lean il-barra mid-dar, filwaqt li wassal lil Maya d-dar tagħha f'Santa Luċija. Mistoqsija dwar x'feriti sofriet, il-vittma qalet li taha bir-ras f'nofs moħħha, telatilha gundalla, kif ukoll kellha gidma fuq ħaddejha u żewġ girfiet fuq għonqha, però fil-preżent dawn m'għadhomx marka fuqha. Barra minn hekk, faqalha t-tambur ta' widnejha tax-xellug, li għadha tbati bih sal-ġurnata ta' llum u kif ukoll kissrilha l-mowbajl, Iphone XR. Mistoqsija dwar l-aspettativi tagħha mis-sistema tal-Ġustizzja Kriminali, Maya Nicole Vella sostniet li Lean għandu jingħata sentenza ta' priġunerija, imqar għal perijodu qasir. Temmen ukoll li Lean għandu jingħata xi tip ta' trattament u kif ukoll jagħtiha kumpens minħabba l-ħsarat li għamlilha fil-mowbajl. Finalment titlob li jkun hemm Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tagħha*[33].

**Marthese Pace**, omm l-imputat għażlet li ma tixhidx fil-konfront tiegħu[34]. **Andrè Pace**, missier l-imputat, meta mħarrek bħala xhud mill-Prosekuzzjoni għażel li ma jixhidx fil-konfront ta' ibnu[35] iżda imbagħad xehed bħala xhud tad-Difiża fis-seduta li nżammet fl-4 ta' Marzu 2024[36]. Huwa xehed illi dakinhar ta' l-akkadut wasal id-dar u sema' argument bl-għajjat għaddej bejn ibnu Lean Pace u Maya Nicole Vella. Ra lill-ibnu jiftaħ il-bieb tal-kamra tiegħu, ħarġet Maya Nicole Vella u warajha ħareġ l-imputat. Kif ra hekk, huwa qal lil Maya Nicole Vella biex toħroġ il-barra mid-dar tiegħu ħalli jwassalha d-dar. Mistoqsi x'qaltlu u kif raha, Pace wieġeb *lanqas nofs ta' kelma. Din la kellha girfa, la kellha daqqa, ma kellha xejn. … ma talbitni xejn. Kull ma qaltli bżajt għax beda jgħajjat.* Huwa tenna *la kellha girfa ġo wiċċha, la kellha tbenġil, la qaltli ajma hemm u lanqas qaltli ahh hawn … Qaltli thank you ħafna, ħafna, ħafna għax bdejt nibża' minnu bdiet tgħajjat, s'hemmhekk.* Stqarr li għall-ħabta tat-8:00a.m. ġew il-Pulizija d-dar u wara ftit rċevew telefonata li l-imputat kien taħt arrest. Żied jgħid li *jiena mort għal ta' bil-lejl. Jiena naħdem Mater Dei. Mort l-emerġenza. Nara lilha, wiċċha bid-demm, wiċċha misluħ. Jiġifieri din ir-rapport li għamlet qas jista' jkun li t-tifel tiegħi, qas jista' jkun. … Jiena naħdem fil-limiti ta' l-Emerġenza, inkun reliever niġri 'l hemm u 'l hawn Mater Dei, ħriġt inpejjep sigarett il-verità, smoking area u rajtha faċċata. Bla ma ridt imbagħad erġajt dort id-dawra u nara lilha kellha xi demm u grif.*

In kontro-eżami Andrè Pace sahaq li meta raha hu, Maya Nicole Vella *ma kellha xejn, qaltli thank you ħafna, qaltli xi għaxar darbiet thank you ghax bdejt nibża' imma ma kellhiex dak li rajtilha filgħaxija l-Isptar jiġifieri.* Mistoqsi minn min kienet qed tibża Vella, huwa wieġeb *mit-tifel hux. … Dak iż-żmien it-tifel ma kienx fi stat tajjeb mentalment, sewwa.* Saħaq li Maya Nicole Vella *kull ma qaltli thank you għax bdejt nibża' minnu. Imma la rrakkontat, la qaltli si u lanqas qaltli no.*

**Nathan Azzopardi**[37], wara li ngħata t-twissija in kwantu hemm/kien hemm pendenti kontra tiegħu proċeduri ġudizzjarji għat-tieni inċident imsemmi minn Maya Nicole Vella, xehed li meta hu ra lil Vella dina kienet, skontu mbiċċra. Stqarr illi *ċempiltilha ħafna drabi u ma weġbitnix għax kellha l-mobile mkisser, wara sirt naf imbagħad, mort inħabbtilha u fetħitli u sibtha f'dak l-istat. … Kienet imbiċċra Sinjura Maġistrat u kienet kompletament fraġli ħafna. … Kellha ħafna dmija. … Fuq wiċċha rajt ħafna jien għax kienet bil-ħwejjeġ. Imma fejn kien jidher rajt.* Huwa qalilha biex tagħmel rapport mal-Pulizija u stqarr *hi ma qaltli xejn għall-ewwel imma mbagħad, kif bdejt nistaqsiha ċertu*

33 Fol. 70 u 71 tal-proċess.

34 Seduta miżmuma fit-18 ta' Lulju 2022, fol. 59 tal-proċess.

35 Seduta miżmuma fit-18 ta' Lulju 2022, fol. 58 tal-proċess.

36 Fol. 172 sa' 180 tal-proċess.

37 Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Marzu 2023, fol. 136A sa' 136G tal-proċess.

*mistoqsijiet, weġbitni, infaqgħet tibki u kelli immur inwassalha biex tagħmel rapport.* Qal li Maya Nicole Vella qaltlu li ġiet imsawta minn Lean Pace u li meta wasslu d-Depot tal-Pulizija l-Furjana, huma ġew mifrudin, Vella ttieħdet naha u huwa ttieħed oħra, għad illi insista li ma jafx għalfejn.

**Imputazzjonijiet:**

Kif già iktar 'l fuq osservat, l-imputat qed jiġi mixli talli fil-lejl ta' bejn is-6 ta' Ġunju 2022 u is-7 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta tal-ħinijiet ta' bejn 10:00p.m. u 06:00a.m., ġewwa Santa Luċija: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Maya Nicole Vella f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq persuntha, hekk kif iċċertifikaw Dr. Francesca Gauci, Med. Reg. No. 6356 u Dr. Matt Max Formosa, Med. Reg. No. 4264; (2) Bla ordni skond il-Liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lis-sieħba tiegħu, cioè Maya Nicole Vella u binha Zian Azzopardi, kontra l-volontà tagħhom; (3) Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal anqas minn €2,500 għad-dannu ta' Maya Nicole Vella; (4) Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Maya Nicole Vella jew lill-ħaddieħor kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi; (5) Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil Maya Nicole Vella jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li *l-grad ta' prova li tird tilħaq il-Prosekuzzjoni, sakemm ma jkunx hemm speċifikat mod ieħor fil-liġi, huwa tal-ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-akkuża tagħha kontra l-akkużat "beyond reasonable doubt", kif ġie deċiż fil-kawża "Pulizija v. Bugeja" tas-26 ta' Marzu 1987. Illi min-naħa l-oħra d-difiża, msaħħa bil-presunzjoni ta' l-innoċenza ta' l-akkużat, tista' tibbaza u/jew tipprova il-każ tagħha anke fuq bilanċ ta' probabbilità, jiġifieri jekk huwa probabbli li seta' ġara dak li ġie rrakkuntat mill-akkużat kif korroborat miċ-ċirkostanzi jew le. Illi dan ifisser li il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li tipprova l-ħtija ta' l-akkużat oltre kull dubbju dettat mir-raġuni u f'każ li jkun hemm xi dubbju raġonevoli, il-Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ tagħha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Pulizija v. Peter Ebejer" deċiża fil-5 ta' Diċembru 1997, qalet illi "Ta' min ifakkar hawnhekk il-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu li, wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Għamlet sew infatti l-ewwel Qorti li ċċitat b'approvazzjoni l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ "Miller v. Minister of Pensions" [1974] 3 All E.R. 372, ta' l-espressjoni "proof beyond reasonable doubt". "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence "of course it is possible but not in the least probable" the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice" (373-374)*[38].

---

[38] Ir-Repubbblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' April 2003.

Għalkemm f'dawn il-proċeduri xehdu diversi nies, ma hemmx dubju li l-iktar xhud importanti, anzi x-xhud ċentrali għall-każ tal-Prosekuzzjoni fil-konfront ta' l-imputat hija l-allegata vittma Maya Nicole Vella. Fir-rigward ta' din ix-xhud però l-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva l-inkonsistenza u anke kontradizzjoni tagħha, fis-sens illi fid-dikjarazzjonijiet u xhieda mogħtija minnha, hija tat verżjonijiet differenti ta' dak li allegatament ġara ma' l-imputat u dana skond lil min kienet qed tagħmel/tagħti tali dikjarazzjoni jew xhieda.

**Fir-rapport tagħha lill-Pulizija, Maya Nicole Vella ddikjarat li**:

- Fis-6 ta' Ġunju 2022, għall-ħabta ta' l-10:00p.m. hija kienet il-bandli ta' Santa Luċija u hemmhekk kien hemm ukoll l-imputat;
- Skontha l-imputat kien jidher *high* bil-Cocaine għaliex kien aggressiv ma' kulħadd;
- **L-imputat beda jargumenta magħha għaliex kellhom imorru f'xi lukanda flimkien imma ma marrux**;
- **Waqt li kienu l-bandli beda jagħtiha daqqiet f'wiċċha biċ-ċatt**;
- Għalkemm riedet titlaq, baqgħet il-bandli għaliex kienet qed tibża mill-imputat. Għall-ħabta ta' l-4:00a.m. tas-7 ta' Ġunju 2022, telqu mill-bandli u marru d-dar ta' l-imputat;
- **Meta kienu d-dar ta' l-imputat huwa kompla jagħtiha bil-ponn ġo wiċċha u għafsilha għonqa**;
- **Ħin minnhom ippruvat taħrab mill-kamra imma l-imputat sakkarha hemm ġew u kompla jtiha**;
- L-imputat tefalha l-mobile erba' sulari għal isfel;
- Fis-6:00a.m. l-imputat fetħilha l-bieb tal-kamra u missieru wassalha d-dar;
- Hija damet imsakkra fil-kamra ta' l-imputat madwar tlett kwarti/siegħa.

**Meta xehdet f'dawn il-proċeduri, Maya Nicole Vella <u>in</u> ezami stqarret**:

- Li fis-6 ta' Ġunju 2022 hija kienet il-bandli bit-tifel u kienet hemm ma' ħabiba tagħha;
- Kien hemm l-imputat ukoll li **beda jagħmel ħafna diskors fil-vojt u skontha kien jidher li ħa xi ħaġa li mhux suppost**, x'aktarx kokaina;
- **Hemmhekk l-imputat taha daqtejn ġo ħalqa**. Hi u l-imputat baqgħu l-bandli sa' xi l-4:00a.m., sakemm ġiegħlha titla' d-dar għandu;
- **Il-bandli kienu baqgħu żewġ nisa, mhux żgħar mill-età, waħda minnhom però telqet u baqgħet l-oħra biss**;
- **Hi u tiela' lejn id-dar, l-imputat beda jistaqsiha ħaditlux xi ħaġa minn tiegħu u hija caħdet**;
- **Kif waslu d-dar ta' l-imputat, daħlu fil-kamra tiegħu u sakkarha hemm ġew, ħa ċ-ċavetta u peress li ma kenitx taf fejn hi ma setgħetx toħroġ**;
- **Kif daħlu fil-kamra ta' l-imputat hu beda jagħtiha d-daqqiet u jsawwatha, daqqiet ta' ponn u daqqiet biċ-ċatt ġo wiċċha**;
- Hija bdiet tgħajjat forsi tiġi omm l-imputat u hu qalilha li jekk mhux se tieqaf tgħajjat iktar se jagħtiha, **u qabad u waddbilha l-mobile erba' sulari għal isfel għax ħaseb li kienet se tipprova ċċempel lill-Pulizija**;
- Heddidha li se tkompli tgħajjat kien se jitfala lit-tifel għal isfel;
- **Tul dan il-ħin kollu t-tifel, li dak iż-żmien kellu madwar sentejn u nofs, baqa' rieqed**;
- Hi kompliet taqla' d-daqqiet u għall-ħabta tas-sitta neqsin għaxra/neqsin ħamsa ġiet omm l-imputat u qaltlu biex jiftaħ il-bieb;
- Kif infetaħ il-bieb hija ħarġet il-barra mill-kamra u missier l-imputat wassalha d-dar;

- Bħala ġrieħi kellha marka ma għonqha, gundalla ma' moħħa, gidma f'wiċċha u marki tad-daqqiet ta' ponn, xuftejha maqsumin u minfuħin kif ukoll it-tambur ta' widintha mifqugħ;
- Id-daqqa fuq għajnha fejn għandha l-punti ma kienx l-imputat li għamilielha.

<u>**In kontro-eżami**</u> **Maya Nicole Vella stqarret li**:

- **L-imputat sawwatha fit-triq quddiem id-dar ta' ommha, fejn hija bdiet tgħajjat**;
- L-imputat sawwatha fil-kamra tiegħu;
- **Ċaħdet li l-imputat sawwatha waqt li kienu l-bandli, fejn flimkien magħha kien hemm ħabiba tagħha jisimha Amanda, li però telqet bil-mixi mill-bandli**;
- **Omm l-imputat bdiet tgħid lill-imputat biex jiftaħ il-bieb tal-kamra tiegħu meta Maya Nicole Vella bdiet tgħajjat, fil-fatt ma kenitx qed tgħajjat il-ħin kollu imma biss meta ta' xi daqqa**;
- **Wara ċertu ħin li kien għaddej l-għajjat, it-tifel tagħha qam għaliex skontha ma huwiex xi tifel li jqum malajr**;
- Wara li marret id-dar ta' ommha u ġie Nathan Azzopardi hija għaddiet mill-gallarija biex toħroġ mill-kamra ta' ħuha biex ommha ma tarahiex.

**Lill-Uffiċjal tal-Probation Nolene Cassar, Maya Nicole Vella, qaltilha li:**

- Dakinhar ta' l-akkadut hija kienet il-bandli ta' Santa Luċija bit-tifel **u kienet ma' ħabiba tagħha jisimha Ruth**;
- Kien hemm ukoll l-imputat li **beda jakkużaha li serqitlu xi kannabis**;
- L-imputat kien jidher li ħa xi ħaġa għaliex ma kienx f'sikktu;
- **Il-ħabiba tagħha Ruth staqsiet lilha u lill-imputat biex imorru dawra bil-karozza u meta kienu fil-karozza, l-imputat taha (lil Maya Nicole Vella) daqtejn ġo wiċċh**a;
- **Hija talbet lil Ruth biex teħodha d-dar iżda din waqqfitha l-bandli u meta hi bdiet sejra lejn id-dar, l-imputat beda jsegwiha tant illi Ruth għażlet li tibqa' magħha**;
- **Ħin minnhom hija bdiet tkellem lil binha u peress li l-imputat ħaseb li kienet qed titkellem fuq il-mobile, qabad u taha daqtejn oħra**;
- Hemm hi għażlet li tmur id-dar u l-imputat reġa' beda jsegwiha u addirittura kkmandaha biex tmur id-dar għandu;
- Waslu d-dar tiegħu għall-ħabta tal-5:00a.m. **u kif daħlu fil-kamra l-imputat sakkar biċ-ċavetta**;
- Hawn **huwa reġa' beda jakkużaha li kienet ħaditlu xi Kannabis iżda hija ċaħdet dan u kif ċaħdet reġa' beda jagħtiha**;
- **Anke taha daqqa b'rasu f'nofs moħħha u gidimha**;
- **L-imputat kellu ħadida f'idu u heddidha li jekk se tkompli tgħajjat kien se jagħtiha biha**;
- Hemmhekk huwa taha daqtejn oħra biċ-ċatt fuq widintha;
- **Meta bdiet tiċħad li ħaditlu l-Kannabis huwa qabad il-mobile u tefgħu erba' sulari għal isfel**;
- Heddidha wkoll li kien se jitfalha lit-tifel għal isfel u **li kien se jagħtiha n-nar tant li ħareġ lighter u deodorant**;
- **Bl-għajjat li bdiet tgħajjat omm l-imputat, għall-ħabta tas-6:00a.m., bdiet tgħidlu biex jiftaħ il-bieb tal-kamra u ppruvat tikkalma s-sitwazzjoni**;

- Ftit wara li nfetaħ il-bieb, wasal missier l-imputat li ħada d-dar, iżda qabel ma ħa Lilha d-dar, keċċa lill-imputat mid-dar.

**Lill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri, Maya Nicole Vella qaltlu:**

- Li ġiet imsawtha mill-imputat u anke mill-ex-partner tagħha, u **li l-imputat taha xi daqqiet fuq wiċċha tant li ġarbet xi tbenġil u gundalla**;
- **Għall-fini tat-tambur mifqugħ hija ma setgħetx tgħid min mill-imputat u l-ex-partner tagħha għamlilha hekk**.

Għalkemm fid-diversi dikjarazzjonijiet/xhieda tagħha Maya Nicole Vella żżomm in-narrattiva li l-imputat sawwatha u sakkarha fil-kamra tiegħu, hija tagħti verżjonijiet differenti dwar x'ġara eżatt u dana skont lil min tkun qed tirrakkonta dak li allegatament gara.

Maya Nicole Vella filli qalet li qalgħet swat kemm il-bandli kif ukoll fil-kamra ta' l-imputat - u dana kemm lill-Pulizija meta għamlet ir-rapport kif ukoll fix-xhieda in eżami - imbagħad, fil-kontro-eżami tagħha, ċaħdet li fil-bandli qalgħet swat mingħand l-imputat imma qalet li qalgħet swat quddiem id-dar tagħha u fil-kamra ta' l-imputat, imbagħad reġgħet biddlet il-verżjoni tagħha ma' l-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar, u qalet li l-imputat sawwatha fil-karozza tal-ħabiba tagħha Ruth, reġa' sawwatha ħdejn il-bandli kif ukoll fil-kamra tiegħu.

Fir-rigward ta' min kien magħha, l-ewwel, u dana meta xehdet il-Qorti, qalet li kien hemm mara ta' ċerta età li però ma qalitx minn kienet, imbagħad meta tat il-verżjoni tal-fatti tagħha lill-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar qalet li kien hemm il-ħabiba tagħha li jisimha Ruth, iżda in kontro-eżami quddiem il-Qorti qalet li l-ħabiba tagħha kien jisimha Amanda. Filli qalet li din Ruth telqet bil-karozza, fil-verżjoni li tat lill-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar, iżda imbagħad in kontro-eżami qalet, kif ingħad, li din il-ħabiba kienet Amanda u li telqet bil-pass. Ta' min jinnota wkoll li minkejja l-isforzi tal-Prosekuzzjoni, dawn l-allegati persuni li setgħu raw lill-imputat jsawwat lil Maya Nicole Vella baqgħu qatt ma tressqu bħala xhieda għaliex ma setgħux jiġu identifikati. Huwa evidenti fil-fehma tal-Qorti li Maya Nicole Vella ma kkooperatx mal-Pulizija f'dan ir-rigward.

In kwantu rigwarda d-diskors li sar fil-bandli, Maya Nicole Vella għall-ewwel meta għamlet ir-rapport mal-Pulizija qalet li l-imputat kien irrabbjat għaliex kellhom imorru flimkien ġo Lukanda iżda ma marrux, imbagħad meta xehdet quddiem il-Qorti qalet li l-imputat kien qed jgħid ħafna paroli fil-vojt u imbagħad, meta tat il-verżjoni tagħha lill-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar, reġgħet biddlet il-verżjoni tagħha u qalet li l-imputat kien qed jakkużaha li serqitlu xi Kannabis.

Għal dak li seta' ġara fil-kamra ta' l-imputat, hi u tixhed f'dawn il-proċeduri Maya Nicole Vella tat l-impressjoni li kif daħlu fil-kamra, l-imputat sakkarha hemm ġew mill-ewwel, iżda meta għamlet ir-rapport mal-Pulizija qalet li sakkarha biss meta ppruvat toħroġ mill-kamra. Fix-xhieda tagħha hija qalet li kif daħlu fil-kamra l-imputat beda jagħtiha mill-ewwel u baqa' jagħtija sakemm kważi siegħa wara ġiet ommu u qaltlu biex jiftaħ il-bieb, imma lill-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar qaltilha li l-imputat ma bediex jagħtiha mill-ewwel iżda biss meta ċaħdet li ħaditlu l-Kannabis u xi ħin wara li beda jagħtiha u hi bdiet tgħajjat, ommu ħabtet mal-bieb fis-6:00a.m. u huwa fetaħ. Fix-xhieda tagħha qalet ukoll li ma' kull daqqa, li skontha kienu ħafna u ripetuti, hija bdiet twerżaq iżda binha, ta' sentejn u nofs, f'din il-kommossjoni rieqed kien u rieqed baqa', għad illi imbagħad in kontro-eżami biddlet il-verżjoni tagħha u qalet li t-tifel ħin minnhom spiċċa qam sforz l-

għajjat. Anke fir-rigward ta' l-intervent ta' omm l-imputat, fix-xhieda tagħha qalet li bdiet tgħajjat biex forsi jismagħha xi ħadd imma kien biss wara siegħa taqla' s-swat li omm l-imputat ħabtet mal-bieb tal-kamra u qalet lill-imputat biex jiftaħ, iżda imbagħad biddlet il-verżjoni tagħha u qalet li kif bdiet tgħajjat ġiet omm l-imputat tħabbat mal-bieb u qaltlu biex jiftaħ.

Dwar l-abbużi fiżiċi subiti u l-ġrieħi kawżati Maya Nicole Vella wkoll ma kenitx affattu konsistenti. Fir-rapport lill-Pulizija u fix-xhieda li tat quddiem il-Qorti qalet li l-imputat taha daqqiet f'wiċċha biċ-ċatt u bil-ponn iżda fil-verżjoni li tat lill-Uffiċjal tal-Probation Noelene Cassar qalet li apparte d-daqqiet, l-imputat gidimha u anke taha daqqa b'rasu fuq moħħha u li addirittura heddidha b'ħadida u li kien se jagħtiha in-nar tant illi kellu lighter u deodorant. Hemm ukoll il-kwistjoni tat-tambur mifqugħ fejn f'dawn il-proċeduri saħqet fuq dan il-fatt kontra l-imputat, iżda imbagħad meta ġiet eżaminata mill-Espert Mediku Dr. Mario Scerri hija bdiet tħawwad tant li fil-fatt ma setgħetx tgħid f'liema miż-żewġ istanzi, irriżultat din l-offiża f'widintha.

Il-kwistjoni tal-mobile wkoll ma hijiex affattu ċara. Maya Nicole Vella ppreżentat mobile imkisser lill-Pulizija, liema mobile ġie esebit bħala Dok. "EH6" mill-Prosekuzzjoni u tikkontendi li l-imputat tefgħalha dan il-mobile għal erba' sulari 'l isfel. Madanakollu però fl-ebda ħin u quddiem ħadd ma tgħid kif ġabret dan il-mobile li allegatament kien qiegħed mormi barra erba' sulari l-isfel mill-fond ta' l-imputat. Kull ma tgħid hu li kif ġie missier l-imputat, hija telqet il-barra u dan wassalha mill-ewwel id-dar. Imkien ma tgħid li ġabret il-mobile jew li xi ħadd ġabrilha l-mobile u tahulha. Bl-istess mod anke in kwantu r-raġuni għalfejn l-imputat allegatament tefalha l-mobile għal isfel, fix-xhieda quddiem il-Qorti Vella qalet li l-imputat remielha l-mobile għaliex kien qed ikun *paranoid* u ħaseb li hi setgħet iċċempel lil xi ħadd għall-għajnuna, filwaqt li lill-Uffiċjal tal-Probation qaltilha li l-imputat remielha l-mobile għal isfel meta ċaħdet li ħaditlu l-Kannabis.

Dawn l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet kollha da parte ta' Maya Nicole Vella serjament jimpinġu fuq il-kredibilità tagħha bħala xhud prinċipali u ċentrali tal-Prosekuzzjoni u serjament jimpinġu ukoll fuq l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri.

Għalkemm jirriżulta li l-imputat u Maya Nicole Vella kienu d-dar ta' l-imputat nhar is-7 ta' Ġunju 2022 kmieni filgħodu, u għalkemm jirriżulta wkoll li kien hemm argument jaħraq bejniethom b'għajjat ukoll, u għalkemm jirriżulta li dak iż-żmien l-imputat ma kienx għalkollox f'sikktu, kif del resto ddikjara missier l-istess imputat Andrè Pace, il-Qorti ma tistax, b'applikazzjoni tal-buon sens u fid-dawl tal-verżjonijiet inkonsistenti u addirittura kontradittorji ta' Maya Nicole Vella, tkun moralment konvinta li l-imputat effettivament ikkawża ġrieħi lil Vella, wisq inqas ġrieħi ta' natura gravi, li kkawżalha ħsara volontarja għax allegatament kissrilha l-mobile, u li ħebb għaliha, heddidha jew inġurjaha. In kwantu rigwarda dak li allegatament seħħ fil-bandli, jew fil-karozza ta' Ruth jew fit-triq quddiem id-dar ta' Maya Nicole Vella, il-Qorti għandha biss il-verżjoni, o meglio l-varji verżjonijiet inkonsistenti u konfliġġenti ta' l-istess Vella fuq xiex toqgħod stante li l-allegati persuna jew persuni - il-mara li baqgħet bla isem, Ruth u/jew Amadna - ma tressqux bħala xhieda biex jikkoroboraw dak li qalet, jew aħjar allegat Maya Nicole Vella. B'hekk f'dan il-każ ukoll b'applikazzjoni tal-buon sens u fid-dawl tal-verżjonijiet inkonsistenti u addirittura kontrastanti ta' Maya Nicole Vella, tkun moralment konvinta li l-imputat effettivament ikkawża ġrieħi lil Maya Nicole Vella, wisq inqas ġrieħi ta' natura gravi u li ħebb għaliha, heddidha jew inġurjaha.

Għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet xhieda oħra in sostenn tal-każ tagħha kontra l-imputat, dawn kienu jew nies li rriskontraw ġrieħi fuq Maya Nicole Vella - bħalma huma l-

Pulizija u t-Tobba tal-Polyclinic u ta' l-Isptar - iżda kellhom joqgħodu fuq dak li għażlet li tgħidilhom l-istess Vella dwar kif u minn min ġew ikkawżati tali grieħi, jew inkella kienu nies - bħal omm Maya Nicole Vella u Nathan Azzopardi - li kienu ferm ekonomiċi bil-verità. Di fatti għalkemm Rosalie Vella, omm Maya Nicole Vella, xehdet li hija rat lil bintha nhar is-7 ta' Ġunju 2022 filgħodu d-dar, jiġifieri wara li allegatament għaddiet lejl taqla' s-swat biċ-ċatt u bil-ponn f'wiċċha u allegatament ġiet migduma f'wiċċha u qalgħet daqqa ta' ras f'moħħha, hija konvenjentement ma tgħidx b'mod eżatt u dettaljat dwar x'ratilha lil bintha, anzi stranament ma tghid assolutament xejn, iktar u iktar meta mill-kontro-eżami ta' l-Ispettur Eman Hayman irriżulta li kienet anke diskursata ma' l-omm li wasslet lill-Pulizija biex jiddeterminaw liema ġrieħi suppost ġew kawżati minn min. Bl-istess mod għalkemm Nathan Azzopardi stqarr li meta ra lil Maya Nicole Vella hija kienet imbiċċra u miksija demm, irriżulta bħala fatt ippruvat li hija kellha ħafna demm minħabba l-laċerazzjoni fuq għajnha tal-lemin, liema laċerazzjoni bid-dikjarar ma għamilhiex l-imputat.

Wieħed lanqas ma jista' jinsa dak dikjarat bil-ġurament minn Andrè Pace, missier l-imputat, u deskritt mill-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni orali bħala xhud veritier fix-xhieda tiegħu, li ma kienx qed jigdeb u li kien hu li ġab is-sitwazzjoni taħt kontroll. Huwa ikkonferma li meta wasal id-dar sab argument bl-għajjat għaddej bejn ibnu l-imputat u Maya Nicole Vella, tant li kellu jikkwieta u jikkalma s-sitwazzjoni hu. Iżda qal li meta wassal lil Maya Nicole Vella hija ma semmietlu xejn dwar swat u daqqiet u fil-fatt ma kellhiex feriti viżibli u kull ma qaltlu kien grazzi li ħadha d-dar għaliex kienet imbeżża' mill-imputat. Huwa ra lil Maya Nicole Vella b'feriti meta raha l-Emerġenza l-Isptar dakinhar filgħaxija u għalhekk wara l-allegat swat li qalgħet mingħand Nathan Azzopardi.

Mill-ġdid jiġi osservat li dawn il-fatti iva juru li kien hemm argument bejn l-imputat u Maya Nicole Vella, iżda bl-ebda mod ma juru u wisq inqas jippruvaw lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti mill-Prosekuzzjoni fil-konfront tiegħu. Dana jgħodd ukoll għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat ibbażata fuq l-Artikoli 86 u 87(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dana għar-raġuni li minħabba l-inkonsistenzi tal-verżjonijiet mogħtija minn Maya Nicole Vella ma jistax jiġi stabbilit jekk kenitx effettivament imsakkra fil-kamra u jekk iva, kemm effettivament damet imsakkra fil-kamra ta' l-imputat, u dana iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li Andrè Pace jgħid li meta wasal id-dar huwa ra lil Vella toħroġ l-ewwel minn ġol-kamra u warajha ħareġ l-imputat.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk u fid-dawl ta' dan kollu osservat, partikolarment fid-dawl ta' l-inkonsistenzi u kontradizzjonijiet da parte ta' Maya Nicole Vella, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u għaldaqstant huwa għandu jiġi liberat mill-istess.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah mill-imputazzjonijiet hekk dedotti kontrih.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**